MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 1173/2005

**Rocco Camilleri (ID Card 0121041M)**

**vs**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Dicembru 2005 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi l-attur jokkupa b'titolu ta' qbiela raba' fl-inhawi maghruf bhala Ta' Salvun, Hal Far, limiti ta' Birzebbuga, liema raba' qed jigi indikat bil-kulur ahdar fuq il-pjanta annessa bhala Dok A.

Illi sabiex jaccedi ghall-istess raba', l-attur ghandu dhul min-naha ta' Hal Far minn sqaq pubbliku li jaghti ghal passagg fuq ir-raba' okkupata mill-konvenut, permezz ta' liema passagg huwa ilu zmien twil jaccedi permezz ta' l-ingenji tieghu sabiex jahdem l-istess raba' minnu mahduma.

Illi sabiex jaccedi ghall-istess raba', u b'mod partikolari ghar-raba' tan-naha t'isfel, huwa ghandu wkoll access iehor min-naha ta' Tal-Gebel Road, Birzebbuga, liema triq twassal ghal passagg fuq ir-raba' okkupata mill-konvenut, permezz ta' liema passagg l-attur jaccedi wkoll ghar-raba' tieghu.

Illi l-attur ilu zmien twil jezercita dan l-access ghar-raba' tieghu miz-zewg bnadi indikati.

Illi f' dawn l-ahhar gimghat il-konvenut ostakola l-access li l-attur ghandu min-naha ta' Hal Far billi ikkostruwixxa hajt ossia qieghed gebel fil-forma ta' hajt u kif ukoll tankijiet fl-istess passagg uzat mill-attur (Dok B).

Illi f' dawn l-ahhar gimghat il-konvenut ostakola wkoll l-access min-naha ta' Tal-Gebel Road, billi qieghed tankijiet u materjal iehor fl-istess passagg uzat mill-attur (Dok C).

Illi dan kollu sar *ad in saputa* u minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni ta' l-attur u ghalhekk jikkostitwixxi spoll ricenti u vjolenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ‘il ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li bil-kostruzzjoni tal-hajt ossia tqeghid ta' gebel u tankijiet fil-passagg min-naha ta' Hal Far u bit-tqeghid ta' tankijiet u materjal iehor fil-passagg min-naha ta' Tal-Gebel Road, Birzebbuga, kif hawn fuq spjegat, il-konvenut ikkommetta spoll ricenti u vjolenti.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa, huwa jnehhi kemm il-hajt ossia gebel u tankijiet li

qed jostakolaw l-access ta' l-attur min-naha ta' Hal Far u kif ukoll it-tankijiet u materjal iehor li qed jostakolaw l-access ta' l-attur min-naha ta' Tal-Gebel Road, b'mod li l-istess passaggi jigu ripristinati ghall-istat pristinu taghhom, u fin-nuqqas tal-konvenut.

3. Tawtorizza lill-attur inehhi hu l-imsemmija ostakoli a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tal-15 ta' Novembru 2005 (Dok D2), ta' l-24 ta' Novembru 2005 (Dok D4), u tat-28 ta' Novembru 2005 (Dok D5), kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 17 ta' Jannar 2006 (fol 18) fejn espona : -

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stanti illi m'hemmx l-elementi mehtiega mil-ligi ghall-azzjoni ta' spoll billi, fost affarijiet ohra, l-attur ma giex spussessat b'ebda mod b'xi agir tal-konvenut mill-ezercizzju ta' xi access fuq ir-raba' "Ta' Salvun" fil-limiti ta' B'Buga.

2. Illi huwa l-istess attur illi kkommetta spoll vjolenti kontra l-konvenut u mhux vici versa kif allegat fic-citazzjoni stanti illi dan l-ahhar l-istess konvenut fetah zewg bibien fil-hitan divizorji ta' bejn il-proprjetajiet rispettivament imqabbla lill-partijiet b' mod illi l-konvenut illum ghandu access liberu ghal fuq il-proprjeta' tal-konvenut.

3. Illi, *inoltre*, il-mod li giet intavolata l-kawza odjerna tindika azzjoni ta' natura petitorja u mhux ta' wahda possessorja kif din it-tip ta' azzjoni bilfors tirrikjedi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-17 ta' Mejju 2007 ghat-trattazzjoni, u dan wara li l-proceduri ta' qabel is-smigh inghalqu kif jidher bid-digriet a fol 154 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur mghejjun minn Dr. Miriam Mifsud u l-konvenut assistit minn Dr. Francis Lanfranco. L-Avukati tal-partijiet trattaw il-kawza, u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007; u rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-17 ta' Ottubru 2012 fejn b' Ordni ta' l-istess Qorti kif diversament presjeduta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Trattazzjoni orali ta' Dr. Peter Caruana Galizia ghall-attur (*on tape*). Trattazzjoni orali ta' Dr. Lanfranco ghall-konvenut (*on tape*). Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ta' spoll fejn l-attur qed jallega li jokkupa b'titolu ta' qbiela raba' fl-inhawi maghruf bhala Ta' Salvun, Hal Far, limiti ta' Birzebbuga, **(Dok A)** u ghal-liema raba' jghaddi b'zewg passaggi distinti fuq ir-raba' okkupata mill-konvenut. Huwa jghid li dan il-pussess gie turbat mill-konvenut billi ostakola l-passaggi bil-mezzi indikati fic-citazzjoni.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fis-sens li l-elementi ta' spoll ma jezistux peress li l-attur ma giex spussessat mill-access ghar-raba' tal-konvenut. Ukoll illi huwa l-istess attur illi ikkommetta spoll vjolenti kontra l-konvenut, u *inoltre* l-mod li giet intavolata l-kawza odjerna tindika

azzjoni ta' natura petitorja u mhux ta' wahda possessorja kif din it-tip ta' azzjoni bilfors tirrikjedi.

**A. PRINCIPJI LEGALI TAL-AZZJONI TA' SPOLL.**

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*
(ii) *Spoliatum fuisse*
(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Illi dan gie rilevat f'diversi sentenzi fosthom "**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); "**Caterina armla Galea vs Joseph Vella**" (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u f' "**Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef**" (30-4-1991 JSP).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll … … stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* (**"Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jghid bl-iktar mod car l-**artikolu 791 (1), Kapitolu 12**, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li :-

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni".* (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** - (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg"** - (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri** - (A.C. 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, *benche*` ippruvat huwa prottett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att".*

Illi dan kollu jistabilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza **"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"** (A.C. 24 ta' Novembru 1957) li:-

*"L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi tal-utilita` socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe*

*pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta' dispozizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti."*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati fis-sentenza **"Francesco sive Frank Busuttil vs Giacchino sive Jack Scerri proprju *et nomine*"** (A. C. 6 ta' Ottubru 2000) inghad li:-

*"Kwantu ghall-element tal-pussess, ghall-azzjoni ta' spoll, bizzejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali 'di fatto', kemm il-pussess legittimu minghajr il-materjali detenzjoni tal-haga kif ukoll il-pussess 'di diritto' ta' min ikun akkwista l-haga".*

Illi fis-sentenza **"Carmelo Grima *et vs* Maria Baldacchino *et*"** (A. C. 19 ta' April 1999) inghad li:-

*"Li kienet pero' tenuta tistabilixxi l-Qorti fl-azzjoni possessorja kien biss il-kwalita` ta' pusses li minnu l-atturi gie provat li gew spoljati u mhux jekk dawn kellhomx tali pussess bi dritt".*

*"Il-pussess mehtieg fil-kawza ta' spoll de recenti huwa l-pussess materjali u di fatto jew ahjar kwalunkwe pussess, ikun x'ikun, u mhux mehtieg li l-attur jipprova li ghandu dritt ta' proprjeta' jew ta' servitu` jew xi titolu iehor fuq il-haga posseduta minnu u li minnha huwa gie spoljat vjolentement jew klandestinament. L-ispoljat ghandu d-dritt li jinsisti li l-haga ghandha tigi rimessa fl-istat li kienet qabel salv ir-ragunijiet li f'gudizzju petitorju jikkompetu lill-ispoljant, u l-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku, irid ikun manifest".* (**"Gio Maria Tonna vs Giuseppe Maria Tonna" -** P.A. 21 ta' Frar 1993; u **"Francesco**

**Busuttil vs Giacchino Scerri** ***et"*** - A.C. 6 ta' Ottubru 2001.

**PROVI PRODOTTI**

Din il-kawza tirrigwarda zewg moghdijiet rispettivament min-naha ta' Hal Far u min-naha ta' Tal-Gebel Road, it-tnejn fuq ir-raba' okkupata mill-konvenut. Skont ic-citazzjoni, l-attur jallega li kien qed jghaddi ukoll bl-ingenji minn Hal Far Road ghal fuq l-ghalqa tal-konvenut.

Il-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu jghid li ghandu titolu ta' qbiela fuq ir-raba' *Ta' Salvun* f'Hal Far soggett ghad-dritt ta' moghdija favur il-familja Camilleri, inkluz l-attur. Madanakollu jghid li dan id-dritt tal-attur huwa li jghaddi bir-rigel u bil-bhima min-naha ta' Hal Far, u qatt ma kellu dan id-dritt min-naha ta' Tal-Gebel Road.

L-attur **Rocco Camilleri** xehed permezz ta' affidavit[1] u qal li l-ostakolu maghmul mill-konvenut fil-passagg min-naha ta' fuq (DOK B) u min-naha t'isfel (DOK C) saru wara l-24 ta' Novembru 2005.

Hu xehed li sa minn tfulitu kien jiffrekwenta r-raba'. Ir-raba' li jahdem hu gie f'idejn missieru 45 sena qabel u huma kienu jaccedu miz-zewg accessi indikati. Kienu jghaddu bil-pass min-naha tat-Triq Hal Gebel fejn kienu joqghodu. Kienu jghaddu bl-ingenji, anke fi zmien missieru, mill-passagg l-iehor, kemm biex inizzlu l-mutur tal-hart kif ukoll biex jigbru l-prodotti. Kien jidhol ghar-raba' tieghu personalment bil-van jew bil-karozza mill-passagg indikat tul dawn l-ahhar 45 sena. "*Jien ta' bilfors ridt nuza vettura peress li r-raba' in kwistjoni nahdmu bi trakter u gieli anke mutur tal-hart. Barra minn hekk meta nahsad il-prodotti inkun nehtieg li nuza vann biex nohrog il-prodott fih. Sa Novembru li ghadda ma naf qatt li kelli problemi fl-uzu ta' dan l-access."* Qal li kien hemm drabi fejn il-konvenut u anke missieru talab il-kunsens tal-familja tal-attur meta kienu ser jaghmlu xi haga qrib l-ghelieqi tal-attur li setghet taffettwa l-uzu ta' dawn il-passaggi.

[1] Esebit a fol. 24 et.seq.tal-process.

Xehed li baqa’ joqghod fil-vicinanzi tar-raba' tieghu u kien jibqa' jaccedi bil-pass fil-passagg ezistenti li jaghti ghal Tal-Gebel Road biex jasal ghar-residenza tieghu.

In **kontro-ezami** qal li ilu jidhol u ma kellux ghalfejn jitlob permess. Cahad li talab il-permess biex dahal bi vjagg gebel biex jibni kamra. Talab permess meta ma uzax l-istess moghdija u dahal minn go haddiehor.

Meta semma' li kien jinzel ma’ zijuh kien ghadu tfajjel ta' 8 snin, cioe` kwazi 50 sena qabel.

Juza l-passagg t'isfel meta jkollu l-bzonn. Rigward il-passagg t'isfel ma tistax tghaddi hlief bir-rigel. Rigward in-naha ta' fuq gie sqaq bil-moghdija bit-trakkijiet u vannijiet.

Ma jitlobx permess "*Ghandi dritt li meta r-raba’ ikun vojt nidhol..hadd ma zammni."* Ra lill-konvenut jaghmel it-tankijiet.

Qal li jahdem forsi nofs tomna wara l-harruba. Is-sena precedenti kellu patata u qarabaghli kif ukoll zewg sigriet tal-hawh. "*Tal-pitkalija jekk jien nghidlek zewg naqriet ghad-dar? **D.** Ghall-borma. **R.** Ehe."*

Mistoqsi jekk ghandux bzonn trakk ghal dan il-prodott wiegeb li jkollu bzonn ghaliex jahdem ir-raba' ta huh Ganni. Huh m'ghandux karti tal-pitkalija.."***D**. Ghall-borma ukoll. **R**. Ija. Mela jiena biss? Mela ma taghtix lit-tfal ukoll?"*

Xehed **Emmanuel Schembri**[2] li ghandu raba' konfinanti mar-raba' tal-attur. Jaccedi ghar-raba’ tieghu anke permezz tal-ingenji tar-raba’ min-naha ta' Hal Far. Kienu juzaw ukoll passagg iehor li jizbokka fi Triq tal-Gebel Birzebbuga. Kienu joqghodu f'razzett fir-raba’ u kienu juzaw il-passagg li jizbokka f'Tal Gebel Road kuljum biex imorru ghal qadi taghhom ta' kuljum.

[2] Affidavit a fol. 26 tal-process

Muri r-ritratt **Dok.C** ikkonferma li l-passagg jafu bhala wiehed liberu u mhux maghluq bil-materjal kif jirrizulta mir-ritratt.

Ikkonferma dak li xehed l-attur li l-familja tal-attur kienu juzaw dan il-passagg tan-naha t'isfel regolarment.

In **kontro ezami** qal li erbghin sena ilu kien jghaddi mill-passagg ghall-karozza tal-linja. Kien jghaddi bil-mixi min-naha t'isfel u jghaddi minn go barriera. Mistoqsi jekk kienx jghaddi bi dritt jew ghaliex kienu jhalluh wiegeb "*Nara lil haddiehor jghaddi u kont nghaddi wkoll...ma nafx li kelli dritt. Kont nghaddi biex inqarrab*" Sakemm kien ghadu bir-razzett kien jghaddi minn hemm.

Xehed **John Camilleri**[3] hu l-attur li ghandu wkoll bicca raba' fl-inhawi ta' dak mahdum minn huh. Ikkonferma li l-materjal li qed jostakola l-passaggi *de quo* saru recentement u minghajr ebda approvazzjoni da parti taghhom. Missieru kien jaccedi ghar-raba' tieghu miz-zewg accessi indikati. Kienu jghaddu bil-pass kuljum minn fuq il- passagg tan-naha t'isfel li jwassal ghat-Triq tal-Gebel fejn kienu joqghodu. Kienu jaccedu mill-passagg ta' fuq bl-ingenji biex inizzlu l-mutur tal-hart kif ukoll biex jigbru l-prodott.

In **kontro-ezami** qal li dejjem ghaddew bir-rigel mill-passagg tan-naha t'isfel. Rigward il-passagg ta' fuq missieru kien jidhol bid-debba u bil-karrettun.

Xehed **Joseph Schembri**[4] li ilu ma jghaddi mill-moghdija ghal 40 sena. Meta kien zghir kien jghaddi minn hemm biex imur l-iskola qal li kien jiftakar lill-attur jghaddi minn hemm u anke lil missieru - kienu jghaddu bid-debba u kellu xi karrozza jew vann.

Qal li meta kien zghir fix-xitwa kienu jghaddu minn passagg dejjaq fuq hajt hdejn barrieri minhabba li l-barriera kienet tintela' bl-ilma. Mill-bqija kienu jinzlu mir-

[3] Affidavit a fol. 28 tal-process
[4] Xhieda a fol 43 et.seq.tal-process

rampa mar-razzett tal-konvenut minn gol-barriera stess. (Dok X fuq ritratt esebit mill-konvenut u mmarkat **DOK A**[5]).

Kienu jghaddu bhala hbieb tat-tnejn "*lanqas nista' nghidlek la bil-buona grazzja u lanqas bil-gust."*

Xehed **Jesmond Ellul**[6] li ghandu r-raba' fl-inhawi Ta' Salvun. Prezentement ghandu sqaq ghalih izda qabel kienu jaqsmu minn go qiegh il-wied. Kienu jinzlu minn mal- harruba. Kienu jinzlu minn Hal Far, jinzlu go sqaq, nghaddu minn bejn ir-razzett tal-attur u dak tal-konvenut u jibqghu nezlin, hemm harruba, jipparkjaw il-vann hemm. Ikkonferma li l-attur jinzel mill-istess passagg. Missier ix-xhud kien jonsob u l-attur kien jinzel bis-senter.

Ilu ghoxrin sena jghaddi mill-passagg izda lill-attur rah juza l-passagg anke llum. Minn fuq jarah ukoll diehel bit-trakk.

Xehed **Peter Farrugia**[7] li jonsob fir-raba' Ta' Salvun. Ikkonferma li fl-ahhar sena ra lill-attur tiela' minn gol-ghalqa minn speci ta' moghdija. "*Kif taraha hemm l-ilma ghaddej minn hemm..hemm barriera, jekk timxi fuqha ghandek fuq sular daqshekk biex timxi. Ma nistax nghidilha moghdija."*

In **kontro-ezami** qal li trakk zgur ma jghaddix minn dik il-moghdija.

Kien ilu hames snin ma jersaq lejn l-ghelieqi in kwistjoni izda qabel kien ikun kuljum hemmekk.

Xehed **John Farrugia**[8] u qal li minn mindu kien zghir kien jigri bis-senter fir-raba' Ta' Salvun. Kien joqghod Tal-Gebel Road u kien jitla' skont it-temp u minn fejn ifettillu u skont fejn isib vojt. Kien jidhol minn Tal-Gebel Road ghal

[5] Seduta tal-5 ta' Settembru 2006
[6] Xhieda a fol 60 et.seq.tal-process
[7] Xhieda a fol. 66 et.seq.tal-process
[8] Xhieda a fol. 99 et.seq.tal-process.

gol-wied Ta' Salvun. Ilu xi hames snin ma jersaqx ‘l hemm.

Xehed **Ivor Robinich**[9] li ghandu raba' tal-familja fl-inhawi *Ta' Salvun, Hal Far.* Min-naha ta' fuq hemm triq komuni li jinqdew bih il-konvenut u l-familja tieghu, u l-familja tax-xhud u xi persuni ohra. Imbaghad tiftah furketta, terga' tinzel u minnha ninqdew sa fejn jaf hu, ix-xhud, "*huma u l-familja tieghu. Imbaghad kullhadd ghandu trejqa."* Karrozza tista' tinzel u difatti hu jinzel bil-*Land Rover.* Hu qatt ma waqqaf lil hadd izda per kortesija jitolbuh il-permess biex jghaddu.

Fejn ir-raba' tal-konvenut hemm *bifurcation* wahda ghax-xhud, u iehor ghall-konvenut u tibqa' niezla ghall-attur.

Min-naha ta' Tal-Gebel Road hemm triq li twassal sal-proprjeta` tax-xhud li tigi tiftah ghall-access tal-barriera tal-famija tax-xhud imbaghad tibqa' tiela’ gor-raba’ tal-istess xhud.

Ma ra xejn differenti l-ahhar li mar. Biex jghaddu fuq l-art tieghu jrid jaghti permess. "*Il-moghdija ufficjali qieghda xi tomna, tomna u nofs 'il fuq minn taghna fejn tghaddi minn ta' fuq is-sinjur ....Imbaghad hemm l-access mill-wied 'il fuq min-naha l-ohra."* Rigward il-passagg fuq ir-raba' tal-konvenut qal li hemm moghdija li jgawduha l-konvenut u l-attur. Qal li gieli ghaddew persuni bis-senter, jew bir-rota li jigu mill-partijiet u qatt ma waqqafhom. Pero` jghaddu bil-pjacir tieghu.

Gieli kien hemm tank wiehed fin-nofs fuq il-moghdija li tohrog qisha furketta ghall-proprjetajiet tal-kontendenti.

Xehed il-**konvenut Joseph Zahra**[10] b'zieda mad-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Qal li flok it-tankijiet fin-naha ta' fuq kien hemm hajt tas-sejjiegh bil-gebel. Kull ma’ kien hemm kien passagg biex jghaddi bniedem bil-mixi jew b'mutur u kienu ghamlu tankijiet biex ma jkollhomx

[9] Xhieda a fol. 104 et.seq.tal-process
[10] Xhieda a fol.112 et.seq.tal-process

ghalfejn jibnu hajt tas-sejjiegh kull darba peress li kien jidhol bil-gwiez. Dan sa minn zmien missieru. Kien jaghmel it-tankijiet minn dejjem skont il-bzonn tieghu. Kien missieru li kien nehha l-hajt tas-sejjiegh.

L-attur xorta jista' jghaddi ghaliex ghandu wisgha u nofs il-mejda.

Rigward il-parti t'isfel qal li l-attur qatt ma kien jghaddi minn hemmhekk u lanqas ghandu l-jedd. "*Minn sena u tliet xhur 'l hawn qed jghaddi.*" Qal li hemm biss zewg tankijiet isfel. Meta saret ic-citazzjoni s-sitwazzjoni kienet ghadha kif kienet fiz-zmien missieru u fiz-zminijiet ta' wara.

Biex jidhol minn fuq b'vettura sostna li l-attur irid jitlob il-permess.

In **kontro-ezami** qal li l-attur rari kien jitla' sar-raba' meta kien ghadu haj missieru. Missieru miet xi 15-il sena ilu. Sostna li min-naha ta' fuq ma jista' jidhol hadd hlief l-attur ghar-raba' tieghu. Minn isfel qatt ma rah tiela' minn hemm.

It-tankijiet minn dejjem kienu hemm fin-naha ta' fuq. Min-naha t'isfel ma hemmx moghdija. L-attur kien jghaddi minn fuq, jipparkja l-vann fuq il-blata gol-ghalqa tal-konvenut u jinzel minn hdejn l-asfalt **(DOK B)**.

Il-passagg kien maghluq bil-gebel, kemm jghaddi bil-mixi, "*Kien jghaddi bl-ingenji meta nehhejna l-gebel ahna...meta dahal bl-ingenji ghax dahal bil-hamrija, dahal bil-permess taghna*."

Biex jahdem l-ghalqa il-bqija tad-drabi kien jghaddi minn mal-hajt. "*Meta kien ikollu bzonn tractor,... kien jghid lili...jew lil missieri".*

Ma fetahx kawza ta' spoll kontra l-attur.

**Rose Zahra**[11] mart il-konvenut qalet li l-attur ghandu dritt jghaddi mill-passagg min-naha ta' fuq ta' Hal Far. Qalet li f'21 sena zwieg qatt ma rat lill-attur jghaddi min-naha t'isfel.

**In kontro ezami** ccarat li kienet tkun fil-post xi darbtejn fil-gimgha u f'dawn l-okkazzjonijiet ma ratx lill-attur jghaddi min-naha ta' Tal-Gebel Road. Seta' ghadda meta ma kinetx hemm.

Xehdet **Maria Farrugia**[12] oht il-konvenut. Kienet titla' sal-ghalqa Ta' Salvun kull nhar ta' Hadd ghand missierha. Kienet thallas ir-raba'. "*Missieri dejjem nisimghu jghid li bir-rigel ghandhom id-dritt jinzlu u bil-bhima"* riferibbilment ghall-passagg tal-attur min-naha ta' Hal Far.

Mistoqsija dwar jekk xi hadd ghandu jedd li jghaddi minn naha t'isfel wiegbet "*zgur li le...fuq hemm barriera, ghalquha, nghaddu minn fuq bicca cint minn fuq ir-raba` ta' haddiehor, mhux passagg ghax daqqa tghaddi minn fuq il- haxix u ohra minn fuq il-blat ta' haddiehor, imbaghad nigu ghar-raba' mahdum...hadd ma jghaddi minn hemm.."*

Gieli laqtet it-tankijiet hi stess ghax kien iwassalha huha, tinzel mill-van u tnehhi t-tankijiet, u terga' taghmilhom. Hi stess kienet tpoggihom qabel ma nqalet il-kwistjoni. Qalet li l-attur kien ghajtilha u nkwetaha u mbaghad fetah il-hitan. Meta l-hajt kien mghotti ma kenitx tara lill-attur, imbaghad setghet tarah. Kien huha li qalilha li kien fetah il-hitan l-attur.

"*It-tankijiet li kien hemm bqajna naghmluhom u xorta tista' tghaddi bir-rigel. Ma ghalaqx il-passagg."*

In **kontro-ezami qalet** li qatt ma rat lil Jesmond Ellul, Joseph Schembri u Manuel Schembri juzaw il-passagg ghajr forsi xi darba bil-permess tan-nannu taghha.

---

[11] Xhieda a fol. 115 et.seq.tal-process.
[12] Xhieda a fol. 118 et.seq.tal-process.

Xehed **Emmanuel Zahra**[13] missier il-konvenut. Ir-raba' *Ta' Salvun* kien f'idejh ghal xi 40 sena. Qal li hemm dritt ta' moghdija minn Hal Far, min-naha ta' fuq. Dan hu dritt ta' passagg bil-pass u bil-bhima. Hadd ma kellu dritt ta' moghdija min-naha t'isfel. Kien jghaddi min-naha t'isfel bi pjacir "*biex huwa ma jdurx mit-triq."* Sija l-attur sija terzi jitolbuh il-permess. "*Ma hemmx gust fuq in-naha t'isfel. Infatti l-bieb fuq in-naha t'isfel kien jinghalaq...It-tankijiet (fuq in-naha ta' fuq) ilhom hemm. Ilhom snin kbar hemm. Kien jghaddi u jnehhihom u jerga' jaghmilhom...Ghar-rigward id-dritt tal-moghdija bil-bhima u bir-rigel ...minn dejjem kien hemm tankijiet biex jaghlqu l-access ghal terzi persuni li m'ghandhomx dritt...L-attur kien inehhihom u jerga' jaghmilhom...Ilhom hemm mill-inqas ghoxrin sena."*

Xi sena u nofs qabel l-attur fetah il-bibien u qaleb il-hitan "*biddel is-sistema kollha li kienet qed tigi uzata. Qaleb it-tankijiet, qaleb il-hajt.... li kien bena hu stess."*

In **kontro-ezami** qal li m'ghandu xejn x'juri kif gie fuqu l-art. M'ghandux dokument li juri xi dritt ghandu l-attur, imma ilu jafha.

Qal li Joe Farrugia, Jesmond Ellul u Schembri kienu jitolbuh il-permess biex jghaddu minn gol-ghalqa tieghu. Farrugia kien jonsob fl-ghalqa tieghu. Kien jidhol minn fuq mhux minn isfel. Kellu r-raba' hemm fuq stess.

In **kontro-ezami ulterjuri** xehed li Saver in-nassab kien jidhol min-naha ta' Hal Far bil-vann biex imur jonsob u kien tah il-permess hu stess. Ilu tletin sena jghaddi.

L-attur gieli jistaqsih ghall-permess u gieli le. Biex jidhol bit-trakk kien jghidlu izda bil-bhima ma hemmx ghalfejn jghidlu. "*Bit-trukk kien jghidlu. Biex idahhal il-hamrija kien jitlobni l-permess."*

Xehed **Owen Zahra**[14] bin il-konvenut u qal li min-naha t'isfel ma hemmx fejn jghaddi l-attur, lanqas hemm

[13] Fol. 127 et.seq.tal-process.
[14] Xhieda a fol. 136 et.seq.tal-process.

moghdija biss, li qed jigri qed jghaffeg gor-raba' taghna. Minn sena 'l hawn l-attur qed jghaddi anke minn isfel ghal fuq bil-mixi.

Xehed **Dr. Francis Lanfranco**[15] amministratur tal-art in kwistjoni li tappartjeni lil Maria Rode li tghix go Spanja. L-art gejja mill-eredita` ta' ommha Evelyn armla mill-avukat Giovanni Calleja, xebba Farrugia Marmara.

Ghamel riferenza ghar-registru antik[16] fejn hemm l-isem tal-ghalqa, tal-Gabillott, tal-Kannegg, il-qbiela u d-drittijiet li din ir-raba' hi soggetta ghalihom li hu dritt tal-moghdija bir-rigel u bil-bhima biss. Minn Dok **FL1** jirrizulta li l-ghalqa tal-konvenut hu soggett "*al passaggio pedestre ed equestre per altri fondi."* Ma jindikax minn liema naha d-dritt tal-passagg ghandu jigi ezercitat.

## APPREZZAMENT TAL-PROVI

Ma hemmx dubju li din il-kawza hija wahda ta' spoll. Dan johrog inekwivokalment mill-premessi u mit-talba maghmula fic-citazzjoni attrici.

L-attur qed jallega li l-konvenut ikkommetta spoll billi turbah fil-passagg li kien igawdi fuq zewg moghdijiet separati li jghaddu minn fuq ir-raba' tal-konvenut fl-inhawi maghruf bhala *Ta' Salvun,* Hal Far, limiti ta' Birzebbuga. Jghid li kien juza dawn il-moghdijiet sabiex jacceddi ghaz-zewg bicciet raba' tieghu. Wiehed minnhom, dak hekk imsejjah "*passagg ghar-raba' ta' fuq*" jidhol ghalih minn sqaq pubbliku min-naha ta' Hal Far. L-iehor, hekk imsejjah "*passagg ghar-raba' t'isfel*" jidhol ghalih min-naha ta' Tal-Gebel Road.

Illi l-kaz jittratta zewg moghdijiet li anke fil-konfigurazzjoni taghhom huma differenti, kif jirrizulta mill-provi. Il-Qorti ser taghti l-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward ta' kull moghdija fl-isfond tal-provi prodotti.

---

[15] Xhieda a fol. 138 et.seq.tal-process.
[16] Kopja ta' estratt esebit a fol 151 (**DOK FL1).**

Qabel ma tidhol f'dan l-ezercizzju, izda, il-Qorti qieghda fid-dover li tezamina jekk din il-kawza saritx fiz-zmien stabblit mil-Ligi. Difatti c-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fid-9 ta' Dicembru 2005 u skont l-attur, l-ostakoli nholqu wara l-24 ta' Novembru 2005. *Prima facie,* ghalhekk, dan l-element jidher li huwa sodisfatt. Madanakollu l-konvenut jilqa' ghal din il-kawza billi jghid li t-tankijiet minn dejjem kienu hemm fil-moghdija ta' fuq u allura ma ghamel xejn gdid.

**Il-Passagg ghar-Raba' ta' Fuq minn Hal Far.**

Dan il-passagg, kif kien fiz-zmien meta giet ipprezentata c-citazzjoni, huwa muri fir-ritratt **DOK. B**. Dan ir-ritratt juri zewg tankijiet u hajt irregolari. Hemm fetha li minnha jista' jghaddi ragel bil-pass jew bil-bhima.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-attur ghandu dritt li jghaddi bir-rigel u bil-bhima. (Ara xhieda tal-Avukat Francis Lanfranco, tal-konvenut u ta' missieru Emmanuel Zahra). Dan id-dritt mhuwiex ikkontestat. Izda din hija kawza ta' spoll fejn l-indagni tal-Qorti hija mmirata fuq l-element ta' pussess. Li hu kkontestat f'din il-kawza hu l-allegat pussess tal-moghdija li l-attur jghid li kien igawdi billi jghaddi bit-trakk jew bil-vann.

L-attur jghid li kemm hu, kif ukoll missieru kienu jidhlu bit-trakk u bl-ingenji tar-raba' u mhux biss bir-rigel. Biex jissostanzja l-pozizzjoni tieghu xehed "*Jien ta' bilfors kelli nuza vettura peress li r-raba' in kwistjoni nahdmu bit-'tractor' u gieli anke bil-mutur tal-hart. Barra minn hekk meta nahsad prodott inkun nehtieg nuza l-vann biex nohrog il-prodott fih.”*

Hu l-attur, John Camilleri, ma kkonfermax il-pozizzjoni tal-attur sal-ahhar ghaliex xehed li missieru kien jidhol bid-debba u bil-karrettun.

Fix-xhieda taghhom, il-konvenut, missieru, Emmanuel Zahra, u ohtu, Maria Farrugia baqghu jinsistu li kull meta l-attur kellu bzonn jghaddi bit-trakk, dan ghamlu bil-

permess tal-konvenut jew ta' missieru. Kien hemm okkazzjonijiet, ghalhekk, fejn l-attur kien dahal bit-trakk.

Huwa minnu li Jesmond Ellul qal li ra lill-attur diehel bil-vann, izda mhux eskluz lanqas mill-konvenuti li l-attur kien juza l-vann f'xi okkazzjonijiet. Il-kontestazzjoni hija jekk dan kien uzu liberu peress li l-konvenut u missieru qalu li dan kien jaghmlu bil-permess taghhom. Dwar il-permess *o meno*, hija l-kelma tal-attur kontra l-kelma tal-konvenut u missier l-istess konvenut. Il-Qorti ghalhekk trid thares lejn provi ohra biex tiddetermina jekk l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu.

Mix-xhieda prodotti mill-attur, Joseph Schembri ilu ma jersaq lejn ir-raba' in kwistjoni erbghin sena, filwaqt li Peter Farrugia u John Schembri qalu li ilhom ma jersqu 'l hemm hames snin. Ghalhekk ix-xhieda taghhom mhix daqstant rilevanti ghall-indagni dwar spoll recenti.

Dwar it-tankijiet, il-konvenut u x-xhieda tieghu jghidu li dawn minn dejjem kienu hemm u kienu jitnehhew meta huma u l-attur kienu jghaddu minn hemm sakemm jghaddu u jergghu jpogguhom wara li jkunu ghaddew. Dawn tpoggew biex izommu lit-terzi milli jghaddu mill-passagg. "*L-attur kien inehhihom u jerga' jaghmilhom...Ilhom hemm mill-inqas ghoxrin sena" (Xhieda ta' Emmanuel Zahra).*

Dan hu kkonfermat minn Ivor Robinich li xehed li gieli kien hemm tank wiehed fin-nofs fuq il-moghdija li tohrog qisha furketta ghall-proprjetajiet tal-kontendenti. Tant hu hekk li Ivor Robinich xehed li ma ra xejn differenti l-ahhar li mar.

Madanakollu Robinich isemmi tank wiehed u ma jghid xejn dwar il-hajt muri fir-ritratt DOK B. Dan il-hajt ihalli fetha wiesgha bizzejjed biex l-attur jibqa' jghaddi bir-rigel u bil- bhima imma certament mhux bi trakk.

Ghalhekk il-kwistjoni tirrisolvi ruhha jekk l-attur ipprova li kellu pussess univoku mill-moghdija b'mod li kien jghaddi liberament bit-trakk jew vann / ingenji tar-raba' u mhux biss fuq tolleranza.

Dwar dan il-Qorti rriskontrat konflitt fix-xhieda tal-attur stess. In kontro-ezami ammetta li jahdem forsi nofs tomna wara l-harruba. Mistoqsi dwar il-prodott li kellu qal li ma kienx registrat mal-Pitkalija ghaliex kellu biss "*zewg naqriet ghall-borma.*" Kien jahdem ukoll ir-raba' ta' huh Ganni izda dan ukoll kellu biss "*ghall-borma."*

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti ssibha difficli biex temmnu meta jghid li bilfors kellu bzonn juza trakk biex igorr prodott meta hu stess jghid li l-kwantita` hija ta' "*naqriet."* L-ispjegazzjoni li ta fil-bidu, cioe' li *bilfors* irid juza *tractor* biex jahdem ir-raba' u juza vann biex johrog il-prodott ma treggix u lanqas hu kkorroborat mix-xhieda li hadd minnhom ma xehed li kienu jarawh jahadem l-ghalqa bit-*tractor* jew semma' il-prodotti tieghu.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li hu gie spoljat fir-rigward tal-moghdija li tghaddi min-naha ta' Hal Far (*in-naha ta' fuq).* Ma pprovax b'mod inekwivoku li kien jghaddi bit-trakk u bil-vann mill-moghdija in kwistjoni. Kellu t-tgawdija tal-passagg bil-pass u bil-bhima, u f'dan baqa' ma giex imxekkel.

**Il-Moghdija min-naha ta' Tal-Gebel Road**

Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-moghdija l-ohra, murija fuq **DOK C** anness mac-citazzjoni hija differenti. L-attur u huh ikkonfermaw li kienu jghaddu minn din il-moghdija liberament, kif ikkonferma wkoll Jesmond Ellul.

Kemm il-konvenut, kif ukoll missieru Emmanuel Zahra, jinsistu li hadd ma jista' jghaddi minn din in-naha minghajr il-permess taghhom. Joseph Zahra jmur *oltre* u jghid li lanqas hemm moghdija minn dik in-naha.

Izda dan hu kontradett mix-xhieda kollha prodotti mill-attur li jaghtu kwadru ta' liberu access fuq din il-moghdija. Ghalkemm uhud minnhom ilhom ma jersqu lejn ir-raba' ghal bosta snin, il-fatt li jghidu li kienu jghaddu liberament minn din il-moghdija minghajr permess jikkontradixxi l-

allegazzjoni tal-konvenut imfissra f'termini assoluti li hadd ma kien jghaddi minghajr permess.

Il-Qorti tqies li x-xhieda ta' Emmanuel Schembri hi importanti u jigbor l-uzanza tan-nies li kienu midhla tal-inhawi meta qal "*Ahna kellna access bil-pass min-naha t'isfel li jizbokka fi Triq il-Gebel kuljum ...*" Hu u l-atturi kienu jghixu f'Tal-Gebel Road u kienu juzaw dan il-passagg regolarment. John Farrugia wkoll kien juza dan il-passagg u xehed li kien jitla' *"skont it-temp u minn fejn ifettillu u skont fejn isib vojt."* Emmanuel Schembri kkonferma li l-passagg m'ghadux liberu kif kien *"Nifakar dan il-passagg liberu u mhux maghluq bil-materjal kif jidher fir-ritratt DOK C."*

Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront tieghu meta ostakola l-moghdija min-naha ta' Tal-Gebel Road.

**It-Tieni u t-Tielet Eccezzjonijiet tal-Konvenut**

**Bit-tieni eccezzjoni** tieghu l-konvenut eccepixxa li kien l-attur li kkommetta spoll vjolenti billi fetah zewg bibien fil-hitan divizorji b'mod li l-attur ghandu access liberu ghall-proprjeta` tal-konvenut.

Din l-eccezzjoni ma tistax treggi. Jekk il-konvenut kellu xi lanjanza kontra l-attur, kellu jiehu passi appoziti, li, mix-xhieda tieghu, jirrizulta li ma hax.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

**Bit-tielet eccezzjoni** tieghu l-konvenut jissottometti li kif giet intavolata l-kawza odjerna tindika azzjoni ta' natura petitorja.

Il-Qorti ma taqbilx u ga esprimiet il-fehma taghha li din il-kawza hija wahda ta' spoll. Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma treggi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni *in parte* in kwantu li ssib li l-konvenut ma kkommettiex spoll fil-konfront tal-attur fil-passagg li ghandu d-dhul tieghu min-naha ta' Hal Far ghal fuq ir-raba’ tal-attur, u **tilqa'** *in parte* it-talbiet attrici billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li bit-tqeghid ta' tankijiet u materjal iehor fil-passagg min-naha ta' Tal-Gebel Road, Birzebbuga, il-konvenut ikkommetta spoll ricenti u vjolenti.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien perentorju ta' xahar inehhi t-tankijiet u materjal iehor li qed jostakolaw l-access ta' l-attur min-naha ta' Tal-Gebel Road, b'mod li l-istess passagg jigi ripristinat ghall-istat pristinu tieghu, u

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u fin-nuqqas tal-konvenut tawtorizza lill-attur inehhi hu l-imsemmija ostakoli a spejjez tal-konvenut.

L-ispejjez - ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenut .

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------